MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 90/2001/1

Maria Bakken .

Vs

Dr. Chris Said li b'degriet tat-22 ta' Novembru, 2001 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Jarle Bakken .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet illi :

l-partijiet izzewgufl-erbgha (4) ta' April tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999), kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg taghhom (dok. A) u liema certifikat taz-zwieg igib in-numru progressiv ta' erbgha sbarra elf disa' mija u disgha u disghin (4/1999) .

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla ebda effett legali minhabba l-fatt li l-kunsens tal-attrici gie ottenut b'qerq, biza' u bi vjolenza morali, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza :

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali u/jew b'anomalija psikologika serja li kien jaghmilha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddecidi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) kien null u bla ebda effett legali ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet u kawzali hawn fuq imsemmija jew xi wahda jew aktar minnhom, kif jigi pruvat waat it-trattazzjoni tal-kawza .

bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine ghas-subizzjoni .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eccepixxa illi :

1. illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba .

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg taghha mal-konvenut ghax allegatament :

(i) il-kunsens taghha gie ottenut b’qerq, biza’ u b’vjolenza morali ; [art. 19. (1) (a) u (c) tal-Kap. 255] u

(ii) il-kunsens tal-konvenut kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewwga, fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali u/jew b’anomalija psikologika serja li kien jaghmilha impossibbli ghalieh li jaqdi d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg [art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255] .

A tenur tal-Ligi dwar iz-Zwieg taghna, il-prova ta’ kwalunkwe wahda minn dawn ir-ragunijiet hija sufficjenti biex tirrendi zwieg null . Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa ghalhekk li tara u tezamina jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, jistghux iwassluha ghall-konkluzjoni illi tezisti xi wahda jew aktar minn dawn ir-ragunijiet li tirrendi zwieg null skond din il-Ligi (Kap. 255) .

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza, kif jirrizulta mill-provi mressqa, kienu s-segwenti :

L-attrici, armla ta’ tmienja u tletin (38) sena b’tifel ta’ sittax (16) il-sena, iltaqghet f’Ghawdex mal-konvenut, ragel norvegiz divorzjat, hames snin izghar minnha u li wkoll kellu tifel mill-ewwel zwieg . Ftit wara beda joqghod ma’ l-attrici u binha fid-dar ta’ ommha . Kien jghid li ghandu hafna progetti turistici kbar ippjanati f’investimenti li ried jaghmel hawn Malta u li lill-attrici kien ser idahhalha bhala *manager* mieghu .

Ghall-ewwel kien ippjanat illi jsir zwieg bir-rit kattoliku, Imma kien hemm problema li hu kien luteran u divorzjat . Fr. Louis Bezzina li kien ilu jaf lill-attrici u ndahal biex jghin lill-koppja, pprova jakkwistalu annullament mid-djocesi ta’ Oslo, kemm il-darba jibdel ir-religjon u jsir katttoliku . Jarle deher li kien ser jikkonsenta, imma bejn skuza u ohra ma lahaq ghamel xejn sakemm qorbot id-data

ppjanata ghaz-zwieg u l-partijiet ddecidew li jaghmlu zwieg civili li nfatti gie celebrat fl-4 ta' April 1999 (Dok. A anness mac-citazzjoni), xi sena wara li kienu ilhom flimkien .

Pero' dritt wara li zzewgu beda l-inkwiet, l-ewwel mat-tifel ta' l-attrici li qatt ma kellu relazzjoni tajba mieghu u ried anke jkeccieh mid-dar, imbaghad dwar il-flus, ghax ghalkemm ghamel xi zmien jahdem ma' *diving school*, il-flus qatt ma kienu jservuh . Dejjem kien jitlob il-flus minghand l-attrici u meta ma baqghax jahdem kien jghaddi hafna hin ix-Xlendi fil-hwienet tal-kafe' . Ma kellu ebda kontroll fuq ix-xiri li kien jaghmel, tant illi l-attrici minkejja li kellha zewg *jobs*, ma setghetx tlahhaq mad-djun tieghu u kienet anke giet kostretta tbiegh il-*garage* taghha ghax giet bzonn il-flus .

Minhabba l-progetti li dejjem kien jghid li jrid jaghmel ried jirranga d-dar. Infatti l-attrici kellha tissellef il-flus mill-bank biex jaghmel ufficcju mghammar bil-*compute*r halli jkollu fejn jilqa' nies importanti li kien jghid illi kellhom jigu jkellmuh . Lill-attrici, minghajr ma qatt semmielha xejn kien anke baghtilha n-nies id-dar biex jixtru l-karozza taghha u d-dar fejn kienu qed joqoghdu, ghax dejjem kien jghid illi jrid karozza ikbar u dar ohra fejn ikunu jistghu joqghodu wahedhom minghajr it-tifel u ommha.

Kwazi sentejn wara din it-tip ta' hajja, l-konvenut iddecieda li jirritorna f'pajjizu bl-iskuza li kien ser jiggieled bil-Qorti biex igib it-tifel tieghu jghix hawn Malta . Pero' qatt ma gie lura u l-attrici rnexxielha tikkuntattjah biss bit-*telephone* wara hafna tahbit . Jarle Bakken wegibha li ma kienx ser jerga lura ghax hass li kellu jibqa' hemm, billi Ghawdex kien zghir u ghax kien ihobb mara ohra . Qallha wkoll li dalwaqt kellha tircievi l-karti tad-divorzju . Infatti fl-udjenza tat-12 ta' Dicmbru 2002, l-attrici esebiet kopja fotostatika ta' certifikat datat s-6 ta' Mejju 2002, mibghut lilha mill-konvenut u li allegatament jindika li kienet inharget licenzja ghad-divorzju dwar iz-zwieg tal-kontendenti .

Il-konvenut qatt ma xehed f'dawn il-proceduri.

L-avukat dottor Chris Said, nominat bhala kuratur in rapprezentanza tieghu, ipprova inutilment kemm il-darba jikkuntattjah sabiex jakkwista l-verzjoni tieghu tal-fatti . Madankollu l-Qorti thoss illi ma hemm ebda raguni ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq id-depozizzjoni konsistenti tax-xhieda prodotti u taccettaha bhala veritjiera u li tassew tirrapprezenta l-fatti .

L-ewwel kawzali ndikati mill-attrici ghan-nullita ta' dan iz-zwieg jirrigwardaw il-vizzju tal-kunsens taghha minhabba **qerq, biza u vjolenza morali** . Imma fil-fehma ta' din il-Qorti ma jista' jinghad illi tezisti ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet ghaliex iz-zwieg in kwistjoni jista' jigi dikjarat null . Minn naha l-ohra ma jistghax jinghad l-istess ghall-kawzali l-ohra bbazata fuq in-**nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju tal-konvenut dwar id-dmirijiet u drittijiet tal-hajja mizzewga** .

Ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, meta xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma jistghax jinghad li tbati minn infermita' mentali, tkun dahlet ghal din ir-rabta konjugali minghajr maturita' bizzejjed ghaz-zwieg .

L-Imhallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, kawzali simili fid-dritt kanoniku ghan-nullita taz-zwieg, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapacita' fil-partijiet kontraenti li jilhqu ammont sufficjenti ta' riflessjoni proporzjonata ghall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva mehtiega ghall-istat nuzjali (monito.Ecclesiastices, 108(1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre: "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7): "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage) . A sufficient mature capacity too judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage . The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement*

*. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse . He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitmnet would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1.61, pp. 864-865 n.3) .

Fil-kaz in ezami nsibu illi huwa ovvju illi l-konvenut qatt ma ried u nfatti ma dahalx ghaz-zwieg bir-responsabilitajiet mehtiega biex jaghmlu z-zwieg wiehed validu . Zgur li qatt ma kien hemm sens ta' rispett, imhabba u sagrificcju da parti tieghu . Fl-attrici huwa kien jara biss okkazjoni sabiex ikun jista' jghaddi zmien kemm ried u xtaq f'dawn il-gzejjer minn fuq daharha . Mill-ewwel ma tantx wera serjeta' u dedikazzjoni lejn l-attrici . Infatti meta l-attrici wriet ix-xewqa li taghmel zwieg bil-knisja u Fr. Bezzina indahal biex jghinha, Bakken ma ghamel assolutament xejn biex jipprova jikkuntentaha . Kull ma kellu f'mohhu kien biss li jfittxu jizzewgu halli jkollu padronanza assoluta fuq l-attrici u hwejjigha . Dan beda jurieh bl-ghemil tieghu hekk malli zzewgu, bil-mod kif kien iberbaq il-gid kollu ta' l-attrici filwaqt illi jimlielha rasha u jittamaha bil-fantasiji ta' l-investimenti li taparsi kien ser igib lejn Malta, fejn allura kien ser ikollhom hajja bil-bosta ahjar . Meta mbaghad ra li ma jista' jiehu xejn aktar mill-attrici, ghax berbqilha gidha kollu, qabad u teleq lejn pajjizu u abbandunaha u nfatti jidher illi anke rnexxielu jgib id-divorzju biex zgur ma jibqaghlu ebda rabta maghha .

Fil-fehma taghha dan kollu huwa ndikattiv ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga f'Jarle Bakken li ma ra xejn fir-rabta li dahal ghaliha ma' l-attrici, ghajr permess indefinit biex jibqa' f'Malta u sors temporanju ta' manteniment ghalieh sakemm kien joghgbu jibqa' f'dawn il-gzejjer, dizgrazzjatament

fenomenu mhux daqstant rari li qed niltaqghu mieghu f'dawn iz-zminijiet .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elf disa' mija u disa' u disghin (1999) kien null u bla effett legali ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu, minhabba li l-kunsens tal-konvenut Jarle Bakken, kif rapprezentat, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u dana a tenur ta' l-artikolu 19(1) (d) tal-Ligi dwar iz-Zwieg (Kap.255) .

L-ispejjez tal-kawza, billi dak li gara kien kollu htija ta' l-istess konvenut, ghandhom jigu ssoportati minnu .

Fl-ahharnett tordna illi kopja ufficcjali ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta' Zwieg relattiv skond il-ligi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------